**MALTA**

**TRIBUNAL GHAL TALBIET ŻGHAR**

**ĠUDIKATUR**
**DR. ANNA MALLIA**

**Seduta tal-11 ta' Ottubru, 2018**

**Talba Numru: 303/2018 AM3**
**Numru fuq il-Lista: 44**

**Paolo Bonnici Ltd (C4186)**

**Bonnici's Building,**

**Upper Cross Road,**

**Marsa**

**Vs**

**Clyde Vella (ID 385790M)**

**Block U, Bieb B, Flat 5,**

**Triq ic-Cinerarja,**

**Santa Lucija**

It-Tribunal,

Ra l-Avviz tat-Talba prezentat mis-socjeta' attrici fis-06 ta' Lulju, 2018 li permezz tieghu talbet minghand l-konvenut il-hlas ta' erba' mija u sebgha u tmenin ewro u tnejn u erbghin centezmu (€487.42c) rapprezentanti pagamenti u prodotti diversi lil konvenut

liema somma huwa gabar minghand klijenti tas-socjeta' attrici izda naqas li jghaddi lura l-istess pagamenti u/jew prodotti lura lis-socjeta' attrici.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz tat-Talba kif ukoll bl-Avviz tas-seduta, huwa ma kkontestax il-kawza  fit-termini preskritt mil-ligi u lanqas ma deher hadd ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li ġie ppreżentat mis-soċjeta` attriċi u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih u ghalhekk  għandu jittieħed bħala mistqarr.

Sema' lir-rapprezentant tas-socjeta' attrici jikkonferma bil-gurament li l-ammont ghadu dovut.

Għaldaqstant, peress li t-talba tas-soċjeta` attriċi tirriżulta sodisfaċentement ippruvata, it-Tribunal jilqa` t-talba attriċi u konsegwentement jikkundanna lil konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' erba' mija u sebgha u tmenin ewro u tnejn u erbghin centezmu (€487.42c)

L-ispejjeż a karigu tal-konvenut

**Dr Anna Mallia**
**Gudikatur**